XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 418*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 46*
*Il-Ġimgħa 05 ta' Novembru, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.45pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

## 1. Parking ta' Triq Arċ. Ciantar

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn Frankline Zammit Galea li hija residenta ta' Triq Arċ. Ciantar. Hija staqsiet lill-Kunsill f'hiex wasal il-proċess biex il-parking bays ta' Triq Arċ. Ciantar u li ġew approvati mit-Transport Malta jsiru. Is-Sindku nfurmatha li l-Kunsill kien qed jikkonsidra proposti oħra dwar kif għandhom jiġu l-parking bays. Sar anke suġġeriment li titwessa' l-bankina n-naħa fejn hemm id-djar u b'hekk il-karozzi jibqgħu jipparkjaw kif inhuma illum. B'referenza għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill meta dan is-suġġett kien ġie diskuss ukoll, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien talab lill-Perit Saliba biex jagħmel pjanta ġdida dwar kif jista' jsiru l-parking bays. Il-Perit Saliba minn naħa tiegħu qallu li dawn jew isiru kif inhuma fuq il-pjanta jew inkella jibqgħu kif inhuma fil-preżent. Il-Perit qallu wkoll biex jekk il-Kunsill għandu xi proposta oħra, jgħaddihielu u huwa jkun jista' jagħmel il-pjanta skond il-proposta tal-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel li għandna niżbgħuhom kif ġew approvati mit-Transport Malta. F'dan il-ħin Frankline Zammit irringrazzjat lill-Kunsill tal-informazzjoni ħarġet mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Ix-xogħol se jiġi ordnat għand l-MSD.

*F'dan il-ħin tal-laqgħa, is-7.00pm, daħal fil-kamra tal-Laqgħat il-Kunsillier Teddy Mizzi.*

Il-Kunsill reġa' iddiskuta fit-tul dwar il-parking bays ta' Triq Arċ. Ciantar. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li huwa ma jaqbilx li għandhom isiru kif approvati mit-Transport Malta iżda għandhom jibqgħu kif inhuma fil-preżent.

## 2. Minuti 417

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 417 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament*

**Mill-Minuti**

i. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet ġiet diskussa proposta tat-traffiku biex ma jipparkjawx vetturi kbar (trakkijiet) fi Triq Ballata u Triq Manwala u mhux fl-HOS Tal-Barmil kollu. Huwa qal li fil-Minuti 417 tal-15 ta' Ottubru 2010 m'hemm xejn imniżżel dwar dan. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li huwa wkoll jiftakar li dan is-suġġett kien ġie diskuss. Fil-preżent l-HOS kollu tal-Barmil u għalhekk inkluż Triq Ballata u Triq Manwala ma jistgħux jipparkjaw trakkijiet. Din kienet proposta tat-traffiku approvata xi xhur ilu mit-Transport Malta wara li saret talba mill-Kunsill Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 416 tal-10 ta' Settembru 2010, il-Kunsill kien qabel biex nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta biex it-tabella ta' 'No Parking for Heavy Vehicles' li hemm fl-HOS Tal-Barmil inżidu magħha 'Except for residents'. Sal-laqgħa tal-Kunsill Nru 417 din il-proposta kienet għadha pendenti peress li t-Transport Malta kienu għadhom ma wieġbux. Is-Segretarju qal li kien għalhekk li fil-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill ma niżżel xejn dwar dan is-suġġett peress li l-Kunsill ma jistax jagħmel proposta ġdida meta kien għad għandu l-proposta l-oħra tiegħu stess pendenti u dawn iż-żewġ proposti ikunu qed jirreferu għall-istess inħawi. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li jumejn ilu rċevejna risposta minn għand Transport Malta fejn infurmawna li ma qablux mal-proposta li nżidu "Except for Residents".

Għalhekk il-Kunsill reġa' iddiskuta u qabel unanimament mal-proposta tal-Kunsillier Teddy Mizzi. Il-proposta hija biex it-tabelli ta' 'No Parking for Heavy Vehicles' jindikaw biss għal Triq Ballata u Triq Manwala u mhux għall-HOS kollu tal-Barmil. Il-Kunsill se jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

ii. **Materja Oħra: paragrafu iii, paġna 6** – Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li lill-Perit kien ikkuntattjah u qallu dwar l-ilment li għandna peress li parti minn Triq San Zakkarijia niżlet xi ftit (fejn kienet saret trinka). Il-Perit qal li biex inkunu nafu eżatt x'hemm u x'għandu jsir biex titranġa t-triq, ikun hemm bżonn li tinqala dik il-parti tat-triq. Meta tinqala jsir il-konkos jew li jkun hemm bżonn u terġa' tinkesa bit-tarmak. Il-Kunsill qabel li meta nkunu qed nagħmlu Triq Kraba bit-tarmak nordnaw lil Gatt Tarmak Ltd biex jagħmel din il-biċċa xogħol.

**3. Quarterly Financial Report (Lulju-Ottubru 2010)**

Dan id-dokument kien tqassam minn qabel lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta u approva l-Quarterly Financial Report (Lulju-Ottubru 2010) unanimament.

**4. Premju Ġieħ ix-Xewkija**

Il-votazzjoni għal Ġieħ ix-Xewkija saret kif kien ippjanat, nhar il-Ħamis 4 u llum il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2010. Il-premju din is-sena intrebaħ minn Anthony Grima li ġab l-akbar ammont ta' punti.

*F'dan il-ħin, it-8.00pm, il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ma segħtax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li se jerġa' jiġi aktar tard.*

**5. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-33**

**6. Jum ix-Xewkija**

*F'dan il-ħin tal-laqgħa, it-8.35pm, il-Viċi Sindku daħal fil-kamra tal-Laqgħat.*

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-programm ta' attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija. Banda Prekurur bagħtu l-lista tas-siltiet li ser jesebixxu. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu ittra lill-Banda Prekursur biex jagħtuna aktar dettalji (inkluż kemm tieħu ħin kull silta) dwar il-programm li ser jesegwixxu waqt l-attivita prinċipali ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ngħidulhom biex is-siltiet "Ġensna" u "My Heart will go on" jinbidlu ma' oħrajn differenti peress li dawn it-tnejn diġa instemgħu waqt il-programm li l-Banda Prekursur tagħmel fi żmien il-festa tar-raħal. Dwar it-talba tagħhom biex jieħdu €900 ta' dan is-servizz, il-Kunsill ma qabilx u għalhekk se jitħalsu bħal fis-snin preċedenti.

Il-Kunsill qabel li r-reception jiġi ordnat għand Pastizzeria Agius u jiġu ordnati l-istess affarijiet bħal fis-snin preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-istima biex issir il-bandiera tal-Kunsill hija ta' €125. Il-Kunsill qabel li nipreżentaw din il-bandiera lill-Banda Prekursur waqt l-attivita ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna niġbru stima ta' kemm jiġi jiswa biex isir l-arblu għall-istess bandiera.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet għamlet kuntatti mal-artist Paul Falzon biex jagħmel wirja tax-xogħlijiet tiegħu fis-sala taċ-Ċentru Parrokjali.

Ġew diskussi wkoll l-attivitajiet l-oħra li għad baqa' jsiru dwar Jum ix-Xewkija u l-Kunsill qabel li kulħadd għandu jattendi għal dawn l-attivitajiet u ngħinu mill-aħjar li nistgħu biex ikunu suċċess.

**7. Offerta dwar Resurfacing of Roads – Skema P.P.P.**

Għal din l-offerta, fil-kaxxa tal-Offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu żewġ offerti li huma ta' Gatt Tarmac Ltd (€579,181) u ta' Road Constructions Co Ltd (€584,271.10).

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta. L-istima taż-żewġ kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom, hija ferm għola mill-istima li kien għamel il-Perit Saliba (€189,206). Id-Direttur Ġenerali, is-Sur Martin Bugelli kien informa lill-Kunsill li minn din l-iskema, l-Kunsill se jingħata s-somma ta' €56,761.80 (30% tal-istima tal-Perit Saliba). Jekk il-Kunsill jingħata dan l-ammont biss, mhux ser ikun possibbli finanzjarment li l-Kunsill jidħol għal dan il-proġett. Għalhekk se tinkiteb ittra lid-Direttur fejn ninfurmawh dwar dawn l-offerti u l-ammonti tagħhom u nitolbuh jinfurmana kemm id-Dipartiment Għall-Gvern Lokali ser jagħti flus lill-Kunsill tagħna taħt din l-iskema. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jara jekk hux possibbli li jsiru. Barra minn hekk hemm ukoll il-problema mal-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma li qed titlob

li meta l-Kunsill ikun ser jiksi toroq bit-tarmak u jkun hemm bżonn li jinbidlu il-main u s-servizzi tal-ilma, dawn għandhom isir mill-fondi tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħżel l-irħas offerta u li hija ta' Gatt Tarmak Ltd. Iżda l-Kunsill se jistenna li jkollu risposta minn għand id-Direttur Ġenerali s-Sur Martin Bugelli qabel ikun jista jintrabat b'xi ftehim mal-kuntrattur konċernat.

**<u>8. Offerta dwar Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika</u>**

Għal din l-offerta, fil-kaxxa tal-Offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu tlett offerti li huma ta' Jeffrey Farrugia f'isem Xewkija Tigers FC (€4500), ta' Saviour Cilia (€4800) u ta' Eugene Bajada (€7000). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn l-offerti.

Il-Kunsill ġabar informazzjoni dwar kif inhuma l-prezzijiet li jitħallsu minn Kunsilli Lokali oħra għal servizz simili u sab li huma ħafna anqas mill-offerti msemmija hawn fuq.

Għalhekk Il-Kunsill qabel unanimement li dawn l-offerti huma konsiderevolment għoljin u għalhekk ġie deċiż li nerġgħu noħorġu sejħa għall-offerti.

**<u>9. Offerta dwar Ġbir ta' Skart Domestiku</u>**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet saret laqgħa oħra flimkien mal-Kunsilli Lokali tax-Xagħra, Ta' Sannat u tal-Munxar dwar din l-offerta (peress li din l-offerta saret flimkien mal-Kunsilli msemmija). Saret ukoll diskussjoni mal-Kuntrattur li tefa' l-offerta u li huwa KIP Għawdex Ltd. Marcel Bonnici u Laurie Zammiet irrappreżentaw lil dan il-kuntrattur. Wara diskussjoni fit-tul KIP Għawdex aċċettaw li jniżlu r-rata minn €606 għal €565. Matul l-istess diskussjoni kien ġie suġġerit biex tinħadem il-ħames ġurnata b'nofs prezz jiġifieri €303 iżda l-KIP Għawdex ma aċċettawx.

Il-Kunsill reġa' iddiskuta dwar dan il-kuntratt u qabel li jekk l-irħula l-oħra huma sodisfatti b'dak il-prezz, huma jistgħu jkomplu mexjin iżda l-Kunsill tagħna ma kienx qed jaċċetta dik r-rata.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandna mill-ġdid noħorġu sejħa għall-offerti dwar dan is-servizz. Din ser issir mill-Kunsill tagħna biss (u mhux ma' Kunsilli Lokali oħra) u ser nitolbu li nieħdu ħamest'ijiem servizz u mhux erba' kif kien it-tender l-ieħor. Dan għar-raġuni li l-iskart separat se jinġabar darba fil-ġimgħa u għalhekk fil-ħamest'ijiem l-oħra jinġabar l-iskart domestiku.

**<u>10. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. L-Għaqda Drammatika tax-Xewkija nfurmat lill-Kunsill li fi żmien meta l-Kunsill ikun qed ifakkar Jum ix-Xewkija ser tittella' produzzjoni bl-isem Ċella 86. Din il-produzzjoni hija xogħol oriġinali miktuba u ser tinħadem mill-membri tal-Għaqda stess. Il-Kunsill qabel li dan id-dramm għandu jiddaħħal bħala waħda mill-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandna nħallsu l-ispejjeż għall-PA System biex din il-produzzjoni tkun tista' tittella fit-Teatru Giovanni.

ii. Permezz ta' Memo 137/2010 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab informazzjoni dwar liema huma l-Kunsilliera responsabbli minn kuntratti dwar ġbir ta' skart u tindif. Ir-responsabiltajiet ġew imqassma hekk:- Viċi Sindku – Ġbir ta' skart domestiku u skart separat, il-Kunsillier Teddy Mizzi – Tindif ta' toroq residenzjali u ġbir ta' skart goff, il-Kunsillier Hubert Saliba - Tindif ta' latrini pubbliċi u s-Sindku – Manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi.

iii. L-aġenzija EUPA informat lill-Kunsill li kienet iffinalizzat ir-rapport tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija dwar il-proġett Sight. Dan kien proġett li sar minn fondi tal-Ewropa. Tmintax il-parteċipant kienu mistiedna biex jagħmlu esperjenza barra minn Malta fil-qasam tal-catering. Peress li flokk tmintax kienu marru ħmistax, l-Agenzija Eupa fir-rapport finali qed titlob li l-Kunsill jagħti lura l-flus li ma tħallsux dwar it-tlett parteċipanti l-oħra u li jammonta għal €1179.29. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan ir-rapport u għalhekk il-Eupa se jiġu nfurmati dwar dan.

iv. George Azzopardi, Segretarju tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini, informa lill-Kunsill li kien ġab stima biex isir xogħol marbut mal-pubblikazzjoni tar-rapport tal-iskav ta' Għar ix-Xiħ. L-istima hija ta' madwar €3200 biex isir ix-xogħol kollu meħtieġ. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-iskemi speċjali (meta joħorġu l-applikazzjonijiet) u b'hekk inkunu nistgħu niksbu fondi biex dan il-proġett jitwettaq.

v. L-Av. Jean Paul Grech f'isem Jimmy Cassar ta' Plot 91, Triq is-27 ta' Novembru 1678 talab lill-Kunsill biex jikteb ittra li ma jsibx oġġezzjoni biex residenti li għandhom id-djar tagħhom (minn naħa ta' wara) imissu ma' Ġnien Castelvenere jkunu jistgħu jiftħu xi bieb jew tieqa' għal fuq l-istess ġnien. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett u ma' qabilx dwar din il-proposta. Għalhekk il-Kunsill qed joġġezzjona li jinfetħu bibien jew twieqi għal fuq Ġnien Castelvenere.

vi. Il-Perit Saliba għadda kopja tal-pjanta dwar traffic management fi Triq Torri Tingi kantuniera ma' Triq Ħġejjeġ (fejn l-uffiċċju tal-Kunsill). Il-Kunsill qabel li għandhom isiru xi emendi għal din il-pjanta u għalhekk il-Perit se jiġi mitlub biex jagħmel l-emendi suġġeriti.

vii. Transport Malta approva li jsiru Double Yellow lines fi Triq Santa Katerina. Ix-xogħol se jiġi ordnat għand l-MSD.

viii. Transport Malta approva li jsiru Double Yellow lines fi Triq is-Salib kantuniera ma' Triq Sant'Indrija. Ix-xogħol se jiġi ordnat għand l-MSD.

ix. Ian Bajada, Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjun ta' Għawdex informa lill-Kunilli Lokali biex iħallsu €233 sabiex isir ir-rapurtar dwar l-iffirmar tal-Protokol ta' Adeżjoni tal-European Region for Youth Network. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dawn l-ispejjeż kellhom jiġu mħallsa mill-Kumitat Reġjonali. Il-Kunsill qabel li m'għandnix inħallsu dan l-ammont.

x. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ftit ġimgħat ilu kienet għamlet kuntatt ma' Christine Camilleri li hija l-Event Co-Ordinator tal-E.T. President ta' Malta Dr George Abela

dwar il-possibilta li l-President iżur ix-Xewkija fi żmien meta jkolna l-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija. Christine Camilleri infurmat lis-Sindku l-President ta' Malta qed jilqa' l-istedina tal-Kunsill biex iżur ix-Xewkija iżda mhux ser ikun jista' jiġi meta jkolna Jum ix-Xewkija peress li għandu mpenji oħra. Għalhekk huma ser jikkuntattjaw lill-Kunsill biex jinfurmawna meta huwa possibbli li din iż-żjara issir.

xi. Is-Surmast tal-Iskola Primarja ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa għat-tfal tal-iskola bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk l-ispejjeż dwar trasport għal din il-ħarġa se jitħallsu mill-Kunsill. Fost affarijiet oħra t-tfal se jżuru wkoll l-Uffiċċju tal-Kunsill u jingħataw informazzjoni dwar il-Kunsill.

xii. Is-Segretarju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat nforma lill-Kunsill li l-Kunsill tiegħu jixtieq li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali tagħna u l-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament biex din il-laqgħa tkun tista' ssir.

xiii. Il-Kunsill irċieva kontijiet minn għand il-Wasteserv dwar it-tipping fees. Dawn qed ikunu ogħla mill-ammont li ġie allokat lilna fil-budget. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra lid-Direttur Ġenerali biex jinformana liema rata għandu jħallas il-Kunsill.

xiv. L-AKL se torganizza l-laqgħa għall-Kunsillieri kollha li ser issir is-Sibt 20 ta' Novembru fil-Lukanda Corinthia Palace, Attard, Malta. Il-membri li se jattendu għandhom jinfurmaw lis-Segretarju biex ikun jista' jsir il-ħlas ta' reġistrazzjoni. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija ser tattendi. Il-membri l-oħra għandhom jagħtu risposta sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru.

## 11. Materja oħra

i. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li reġa' kellha lmenti dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq San Bert. Il-Kunsill qabel li għandna ngħidu lill-Perit Saliba sabiex jagħmel rapport dwar din it-triq.

ii. Is-Sindku pproponiet sabiex qabel id-9.00am ma jingħatawx permessi biex tingħalaq triq (meta jkun se jarma xi krejn) li minnha jkun jgħaddi t-trasport pubbliku. B'hekk il-pubbliku jkun jista' jinqeda bit-trasport pubbliku ta' filgħodu. Is-Sindku qalet li kellha lmenti f'dan ir-rigward u għalhekk kienet qed tagħmel din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għalhekk l-istaff ser ikun avżat biex ma jagħtux permessi ta' krejn qabel id-9.00am f'dawk it-toroq li minnhom jgħaddi t-trasport pubbliku.

*F'dan il-ħin, l-9.50pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li ma segħtetx ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill.*

iii. Anthony Axiaq li joqgħod Triq Mallia Vernon talab lill-Kunsill biex Triq is-Salib tiġi rranġata. Peress li Triq is-Salib għad m'għandix asfalt, dan l-ilment ġie mgħoddi lill-Ministeru Għal Għawdex permezz tal-Customer Care (Ref. 23010076133471).

iv. Salvu Vella ta' Vella Bros, Triq il-Kav. L. Z. Haber ilmenta mal-Kunsill dwar it-tabelli tat-traffiku li saru dan l-aħħar u li jindikaw biex vetturi kbar ma jidħlux lejn ix-Xewkija iżda jduru u joħorġu minn fejn il-Heliport. Il-Viċi Sindku qal li huwa mhux se jieħu sehem f'din id-diskussjoni. Is-Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba qablu li peress li kienu tnejn biss, dan is-suġġett għandu jiġi diskuss meta jkunu preżenti l-membri l-oħra.

v. Is-Sindku pproponiet biex noħorġu sejħa biex isir disinn ta' Ċentru Ċiviku fix-Xewkija fi Triq Ħamrija, fejn hemm l-uffiċini tal-Enemalta. Il-Kunsill diġa għandu talba għad-devoluzzjoni ta' din l-art u għalhekk jekk issir applikazzjoni mal-Mepa, il-Kunsill ikun jista' jkompli jaħdem biex il-proċess ta' devoluzzjoni jitkompla u finalment jinbena Uffiċċju Amministrattiv ġdid. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

vi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li reġgħet irċeviet ilmenti dwar il-ġbir ta' skart domestiku peress li qed jgħaddi kmieni ħafna. Il-Kunsilliera kollha qalu li huma wkoll rċevew ilmenti simili. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lill-Kuntrattur konċernat dwar dawn l-ilmenti.

vii. Raphael Saliba li joqgħod fi Triq Santa Theodora lmenta dwar skart li qed jintefa' fi proprjeta privata (li parti minnha hija mwaqqa') u kawża ta' dan l-iskart qed ikun hemm ħafna ġrieden, insetti u ntejjen. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dwar dan l-ilment huwa diġa kien kellem lil tas-Sanita u anke lill-Gwardjani Lokali. Il-Gwardjani Lokali minn naħa tagħhom kienu nfurmaw lis-Segretarju li peress li l-iskart qiegħed fuq ġewwa, fil-privat u anke hemm ir-reċint mibni, huma ma jistgħux jieħdu passi. Huma pproponew li jsir rapport mal-Mepa. Is-Segretarju qal li huwa diġa għamel rapport mal-Mepa dwar dan l-ilment.

viii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li waslilha lment dwar fanal li hemm taħt l-istatwa tal-Erwieħ mal-Mitħna, fi Triq Mġarr peress li miksur. Il-Kunsill qabel li dan għandu jinbidel.

ix. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu nfurmawh li hemm tlett litter bins miksura u għalhekk iridu jinbidlu. Dawn jinsabu fi Ġnien il-Ħaddiem, Ġnien Castelvenere u ieħor fi Triq Ħamrija quddiem l-MCAST.

x. Joseph Muscat minn Nadur u għandu post fi Triq Gruwa x-Xewkija, talab biex ir-road hump titneħħa minn quddiem il-post tiegħu peress li qed jidħollu l-ilma tax-xita. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li madwar sena u nofs ilu Joseph Muscat kien talab biex titneħħa din ir-road hump minn quddiem tiegħu u l-Kunsill kien iddeċieda li meta jtella' l-post (peress li dak in-nhar kien għadu se jibda l-pedamenti), ir-road hump titneħħa minn quddiem tiegħu u teħel aktar 'l fuq. Issa l-post inbena u għalhekk ir-road hump tista' teħel aktar 'l fuq. Iżda s-Segretarju nforma lill-Kunsill li aktar 'l fuq hemm r-residenza ta' Martin Mercieca li kien huwa li talab biex teħel ir-road hump. Meta l-ħaddiema tal-Kunsill marru biex iwaħħlu r-road hump aktar 'l fuq, Martin Mercieca qal li aħjar ma teħel xejn peress li fejn se teħel tista' tkun ta' aktar periklu. Peress li ma kienx hemm post alternattiv fejn tista' teħel ir-road hump ġie deċiż li tinqala u ma terġax teħel.

xi. Marjanu Zammit ta' Triq Santa Marija talab biex jeħel bank fl-istess triq fejn il-Bus Stop. Il-Kunsill qabel li jekk hemm spazju biżżejjed, jeħel bank ieħor.

xii. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu organizzati l-attivitajiet fi żmien il-Milied. Ser issir ħarġa u ikla għall-anzjni u party tal-Milied għat-tfal tal-iskola.

xiii. Il-Kunsill qabel ukoll li kif sar fis-snin preċedenti għandu jsir l-armar ta' tiżjin ta' żmien il-Milied fi Pjazza San Ġwann Battista u fi Triq il-Knisja. Ix-xogħol ser isir minn Donald Camilleri u Anthony Buhagiar.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.10pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA

**Skeda ta' Pagamenti**

Data: 05.11.2010 Nru: 6-33

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Petty Cash Ottubru 2010 | Cash | 127.71 | 8294 |
| 2 | Advert Re Tender Public Conv. | D.O.I. | 9.32 | 8295 |
| 3 | Re-Mgarr ix-Xini Regional Park | Supritendence of Cultural H | 1716.85 | 8296 |
| 4 | Survey Archological site | Adrian Borg | 420.00 | 8297 |
| 5 | Internet Service - Library | Go PLC | 11.54 | 8298 |
| 6 | Laqgħa Kunsilliera | A.K.L. | 50.00 | 8299 |
| 7 | Servizz Refuse Collection Ottubru '10 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2812.68 | 8300 |
| 8 | Żebgħa, Brushes etc. | Reno's Ironmongery | 13.46 | 8301 |
| 9 | Sinjali tat-traffiku | Raphael Refalo | 99.12 | 8302 |
| 10 | Kont tad-dawl u ilma(Ġ. Castelvenere) | Arms Ltd. | 458.68 | 8303 |
| 11 | Salarju Novembru 2010 | Segretarju Eżekuttiv | 1428.37 | 8304 |
| 12 | Salarju Novembru 2010 | Assistant Principal | 1123.85 | 8305 |
| 13 | Mayors' Allowances Novembru 2010 | Sindku | 411.33 | 8306 |
| 14 | Taxxa u Bolla Novembru 2010 | C.I.R. | 1159.41 | 8307 |
| 15 | Ismijiet tat-toroq | Alka Ceramics | 82.60 | 8308 |
| 16 | Kumitat tat-Tmexxija Day Centre Fee | Chairperson | 867.92 | 8309 |
| 17 | Fjuri - Funerali | Il-Gardina | 36.00 | 8310 |
| 18 | Exercise Bands - Sports Scheme | Xagħra Pharmacy | 94.00 | 8311 |
| 19 | Exercise Bands - Sports Scheme | Xagħra Pharmacy | 141.00 | 8312 |
| 20 | Spejjeż Lejla Kulturali | Arcp.Mons.C. Mercica | 150.00 | 8313 |
| 21 | Email Account | M.I.T.A. | 9.96 | 8314 |
| 22 | Wirja taż-żwiemel | Donald Camilleri | 405.00 | 8315 |
| 23 | Ħuġġieġa | George Formosa | 88.50 | 8316 |
| 24 | Servizzi Ottubru 2010 | Galea Curmi Eng. Cons.Ltd. | 88.40 | 8317 |
| 25 | Tindif Ottubru 2010 | Publia Xerri | 50.00 | 8318 |
| 26 | Tindif Ottubru 2010 | Pauline Xerri | 50.00 | 8319 |
| 27 | Bowzers ilma (Tisqija) | Richard Attard | 320.00 | 8320 |
| 28 | Servizz Public Convenience | Arms Ltd. | 1226.00 | 8321 |
| 29 | Tindif tat-toroq Ottubru 2010 | Xewkija Tigers FC | 923.81 | 8322 |
| 30 | Fjuri - Triq Widnet il-Baħar/Pjazza | Il-Gardina | 339.00 | 8323 |
| 31 | Servizz Librerija Ottubru 2010 | Librara | 244.86 | 8324 |
| 32 | Dumping, ġbir ta' ħaxix etc. | Joseph Magro | 107.20 | 8325 |
| 33 | Xogħlijiet Latrina Triq Ħamrija | A & E Mintoff Co. Ltd. | 13000.00 | 8326 |
| 34 | Servizz mal-PRS | Assoċċjazzjoni Kunsilli L. | 36.00 | 8327 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 35 | Tiswija Hedge Trimmer | Bonnici Stores Ltd. | 68.02 | 8328 |
| 36 | Frame tal-pittura | Lawrence Attard | 250.00 | 8329 |
| 37 | Kont tat-telefon/Fax | Go PLC | 242.41 | 8330 |
| 38 | Excavations Għar ix-Xiħ | Frank Chetcuti | 50.00 | 8331 |
| 39 | Ktieb Teżor | Merlin Library Ltd. | 139.86 | 8332 |
| 40 | Tiżjin tal-Pjazza San Ġwann Battista | Arms Ltd. | 130.00 | 8333 |
| 41 | Bolli | Xewkija Sub Post Office | 95.00 | 8334 |
| | | **Total €** | **29077.86** | |

Segretarju Eżekuttiv | Sindku | V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 418